Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 72/21**
il-Lussemburgu, 29 ta' April 2021

Sentenza fil-Kawża C-504/19
Banco de Portugal u Novo Banco SA u Fondo de Resolución vs VR

**Ir-rikonoxximent inkundizzjonat ta' miżura ta' riorganizzazzjoni retroattiva ta' istituzzjoni ta' kreditu jmur kontra d-dritt tal-Unjoni jekk dan jimplika li l-klijent ma jkunx jista' jkompli proċedura ġudizzjarja fuq il-mertu mibdija kontra l-"bank tranżitorju" li lilu l-obbligu inkwistjoni jkun preċedentement ġie ttrasferit.**

Fl-2008, VR, persuna fiżika, ikkonkludiet kuntratt ma' Banco Espírito Santo, Sucursal en España (iktar 'il quddiem "BES Spanja"), il-fergħa Spanjola tal-bank Portugiż Banco Espírito Santo (BES), li permezz tiegħu hija kisbet azzjonijiet preferenzjali minn stabbiliment ta' kreditu Islandiż. Fil-kuntest tad-diffikultajiet finanzjarji gravi ta' BES, Banco de Portugal, permezz ta' deċiżjoni adottata f'Awwissu 2014, iddeċieda li joħloq "bank tranżitorju", imsejjaħ Novo Banco SA, li lilu ġew ittrasferiti l-assi, l-obbligi u oġġetti oħra mhux ta' assi ta' BES. Ċerti obbligi ġew madankollu esklużi mit-trasferiment lil Novo Banco. Wara l-imsemmi trasferiment, Novo Banco SA, Sucursal en España (iktar 'il quddiem "Novo Banco Spanja") żammet ir-relazzjoni kummerċjali li VR kienet stabbilixxiet ma' BES Spanja.

Fl-4 ta' Frar 2015, VR ippreżentat rikors quddiem il-Juzgado de Primera Instancia de Vitoria (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Vitoria, Spanja) kontra Novo Banco Spanja intiż, prinċipalment, li tinkiseb in-nullità tal-kuntratt jew, sussidjarjament, ix-xoljiment tiegħu. Novo Banco Spanja oġġezzjonat peress li ma kelliex *locus standi in judicio* għaliex, bis-saħħa tad-deċiżjoni ta' Awwissu 2014, ir-responsabbiltà allegata kienet tikkostitwixxi obbligu li ma kienx ġie ttrasferit lilha.

Peress li l-Juzgado de Primera Instancia de Vitoria (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Vitoria) laqgħat it-talba ta' VR, Novo Banco Spanja appellat quddiem l-Audiencia Provincial de Álava (il-Qorti Provinċjali ta' Álava, Spanja). Fil-mori tal-kawża, hija ppreżentat żewġ deċiżjonijiet adottati mill-Banco de Portugal fid-29 ta' Diċembru 2015. Dawn id-deċiżjonijiet kienu jemendaw id-deċiżjoni ta' Awwissu 2014, u b'mod partikolari kienu jippreċiżaw li "sa minn dakinhar, l-obbligi segwenti ta' BES ma ġewx trażmessi lil Novo Banco: […] kull responsabbiltà li hija s-suġġett ta' waħda mill-proċeduri deskritti fl-Anness I" [traduzzjoni mhux uffiċjali], fosthom l-azzjoni mressqa minn VR. Barra minn hekk, huma kienu jipprevedu li, sa fejn attiv, obbligi jew komponenti li ma jappartjenux lill-assi, li kellhom jibqgħu fl-assi ta' BES, iżda li ġew *de facto* ttrasferiti lil Novo Banco, dawn ġew, b'effett mit-3 ta' Awwissu 2014, ittrasferiti mill-ġdid minn Novo Banco għal BES.

Peress li l-Audiencia Provincial de Álava (il-Qorti Provinċjali ta' Álava) ċaħdet l-appell ippreżentat minn Novo Banco Spanja, din tal-aħħar ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja). Novo Banco Spanja tqis li, bis-saħħa tad-Direttiva 2001/24, fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu [1], id-deċiżjonijiet tad-29 ta' Diċembru 2015 jipproduċu, mingħajr ebda formalità oħra, l-effetti tagħhom fl-Istati Membri kollha. Peress li qieset li dawn id-deċiżjonijiet emendaw id-deċiżjoni ta' Awwissu 2014 b'effett retroattiv, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistaqsi jekk tali emendi sostantivi għandhomx jiġu rrikonoxxuti fil-proċeduri ġudizzjarji pendenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

[1] Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 15).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota li, bis-saħħa tad-Direttiva 2001/24, **il-miżuri ta' riorganizzazzjoni jiġu, bħala prinċipju, applikati konformement mal-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini u jipproduċu l-effetti tagħhom skont il-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat fl-Unjoni kollha mingħajr ebda formalità oħra. Madankollu, b'eċċezzjoni għal dan il-prinċipju**, l-Artikolu 32 ta' din id-direttiva jipprevedi li **l-effetti ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni f'kawża pendenti dwar beni jew dritt li jkunu tneħħew mill-istituzzjoni ta' kreditu, għandhom ikunu rregolati biss mil-liġi tal-Istat Membru fejn din il-kawża tkun pendenti**.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-applikazzjoni tal-Artikolu 32 teħtieġ li jiġu ssodisfatti **tliet kundizzjonijiet kumulattivi u li dawn ikunu ssodisfatti fit-tilwima quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema)**. Fil-fatt, l-ewwel, **dawn għandhom ikunu miżuri ta' riorganizzazzjoni** fis-sens tad-Direttiva 2001/24, li huwa l-każ, f'dan il-każ, peress li d-deċiżjonijiet tad-29 ta' Diċembru 2015 huma intiżi li jippreżervaw jew jistabbilixxu mill-ġdid is-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu.

It-tieni, **għandu jkun hemm kawża pendenti**, kunċett li jkopri biss **il-proċeduri fuq il-mertu**. F'dan il-każ, minn naħa, il-proċedura fil-kawża prinċipali għandha titqies li hija proċedura fil-mertu u, min-naħa l-oħra, id-deċiżjonijiet tad-29 ta' Diċembru 2015 ġew adottati f'mument meta l-proċedura mibdija minn VR fl-4 ta' Frar 2015 kienet diġà pendenti.

It-tielet, **il-kawża pendenti għandha tikkonċerna "beni jew dritt li minnhom l-impriża ta' l-assigurazzjoni tkun ġiet svestita"**. Fid-dawl tad-differenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2001/24, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-għan ta' din id-dispożizzjoni u tikkonstata li din hija intiża li tissuġġetta l-effetti ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew ta' proċeduri ta' stralċ fuq kawża pendenti għal-liġi tal-Istat Membru fejn tiżvolġi din il-kawża. Issa, ma jkunx koerenti ma' tali għan, li jiġu esklużi mill-applikazzjoni ta' din il-liġi tal-aħħar, l-effetti prodotti minn miżuri ta' riorganizzazzjoni fuq kawża pendenti meta din l-istanza tikkonċerna eventwali responsabbiltajiet li, permezz ta' tali miżuri ta' riorganizzazzjoni, ikunu ġew ittrasferiti lil entità oħra. Għalhekk, l-Artikolu 32 għandu japplika **fir-rigward ta' wieħed jew iktar mill-assi tal-istituzzjoni ta' kreditu, li jaqgħu kemm taħt l-assi kif ukoll taħt l-obbligi, li jkunu s-suġġett ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni, bħalma huwa l-każ tar-responsabbiltà eventwali inkwistjoni fit-tilwima quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema)**.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-portata tal-effetti tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni rregolati mil-liġi tal-Istat Membru li fih il-kawża hija pendenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li **l-liġi ta' dan l-Istat Membru tirregola l-effetti kollha li tali miżuri jista' jkollhom fuq tali kawża, kemm jekk dawn l-effetti jkunu proċedurali jew sostanzjali**.

Konsegwentement, mid-Direttiva 2001/24 jirriżulta li **l-effetti, kemm proċedurali kif ukoll sostanzjali, ta' miżura ta' riorganizzazzjoni fuq proċedura ġudizzjarja pendenti fuq il-mertu huma esklużivament dawk iddeterminati mil-liġi tal-Istat Membru li fih din il-proċedura tkun pendenti**.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, minn naħa, li **r-rikonoxximent, fil-proċedura fit-tilwima quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), tal-effetti tad-deċiżjonijiet tad-29 ta' Diċembru 2015**, sa fejn dan huwa ta' natura li jikkontesta d-deċiżjonijiet ġudizzjarji diġà meħuda favur VR, **jikser il-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali**. Għall-kuntarju, li jiġi aċċettat li miżuri ta' riorganizzazzjoni meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini wara l-preżentata ta' rikors fi Stat Membru ieħor u li jkollhom bħala konsegwenza **li jibdlu, b'effett retroattiv, il-kuntest ġuridiku rilevanti sabiex tiġi deċiża l-kawża** li tkun tat lok għal dan ir-rikors, jistgħu jwasslu lill-qorti adita tiċħdu, tikkostitwixxi **limitazzjoni għad-dritt għal rimedju effettiv**, fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li d-Direttiva 2001/24, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tad-dritt għal rimedju effettiv, **jipprekludu r-rikonoxximent, mingħajr kundizzjoni oħra, fi proċedura ġudizzjarja fuq il-mertu pendenti, tal-effetti ta' miżura ta' riorganizzazzjoni bħalma huma d-deċiżjonijiet tad-29 ta' Diċembru 2015, peress li tali rikonoxximent iwassal l-istituzzjoni ta' kreditu li lilha jkun ġie ttrasferit l-obbligu permezz tal-ewwel miżura ta'**

**riorganizzazzjoni titlef, b'effett retroattiv, il-*locus standi in judicio* tagħha għall-finijiet ta' din il-proċedura pendenti, u għalhekk tqiegħed fid-dubju deċiżjonijiet ġudizzjarji diġà mogħtija favur ir-rikorrenti li kienu s-suġġett ta' din l-istess proċedura**.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*